MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Numru. 722/2010

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Victor Mizzi, iben Consiglio, imwieled Ħaz-Zabbar fis-27 ta’ Awwissu, 1952, Karta ta’ l-Identita numru 650452(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli bejn is-16 u is-17 ta’ Ġunju, 2010 u bejn l-20 u it-22 ta’ Ġunju, 2010 ġewwa Triq is-Saqwi, Zabbar volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ għamel ħsara f’vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni XRM 286, tal-għamla Toyota, liema ħsara hi ta’ aktar minn €116.47 għad-dannu ta’ Mark Joseph Copperstone.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmata li d-danni huma ta' €180 u seduta stante l-imputat ħallas is-somma ta' €180 għas-saldu tad-danni li għamel.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldqastant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmix reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------